MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 10/2011

**A B**

**vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

Illi l-attrici izzewwget lill-konvenut C B fis-sebgha ta' Frar tas-sena elfejn u tlieta (07/02/2003) gewwa r-Registru Pubbliku (kopja ta' liema certifikat taz-zwieg annessa bhala "Dok A"), minn liema zwieg ma twieldux tfal;

Illi l-kunsens tal-attrici inkiseb bi vjolenza morali;

Illi il-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat minhabba difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-

hajja mizzewwga jew fuq id-drittijiet u id-dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti illi taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi l-kunsens tal-partijiet kien inkiseb bl-eskluzjoni pozitiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew wahda mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Illi, ghalhekk, l-imsemmi zwieg huwa null ai termini tas-subartikolu 19 (1) (a) u/jew 19 (1) (d) u/jew 19 (1) (f) tal-Kap. 255;

Talbet ghalhekk li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attrici u l-konvenut huwa hull u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u ghalhekk tordna li ssir ir-registrazzjoni opportun fl-att taz-zwieg relattiv;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut illi huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati l-Avukat Dr Henry Antoncich u il-Prokuratur Legali Noel Scerri, li *in forza* taghha huma eccepew :

1. Illi l-esponenti jirrizervaw li jipprezentaw ir-risposta ulterjuri taghhom meta jsiru edotti mill-fatti li taw lok ghal dina l-kawza.

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati l-Avukat Dr Henry Antoncich u il-Prokuratur Legali Noel Scerri;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;
Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attrici;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat:

Illi l-qorti ghandha quddiemha talba sabiex iz-zwieg bejn l-attrici Ae B u l-intimat assenti C B datat is-7 ta’ Frar 2003 jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikoli 19(1)(a), (1)(d) u (1)(f) tal-Att Dwar iz-Zwieg 1975.

Min-naha taghhom il-kuraturi deputati li jirrapprezentaw lill-intimat assenti jirrilevaw li m’humiex edotti mill-fatti u ghaldaqstant irriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta ulterjuri.

**<u>Il-verzjoni tal-attrici</u>**

L-attrici tirrakkonta kif l-ewwel darba li l-intimat assenti raha kien gewwa *club* f’Paceville u talab in-numru taghha lil habib tieghu. Wara li l-intimat cemplilha, l-partijiet iltaqghu. Baqghu johorgu flimkien ghal madwar xahrejn meta l-intimat qallha li kien sejjer Parigi u xtaq li kieku kienu ltaqghu qabel ghax kieku kien jehodha mieghu. L-intimat qallha wkoll li ma kellux il-hsieb li jerga’ jigi Malta peress li kellu l-intenzjoni li jsib xoghol f’Parigi. Izda l-intimat rega’ gie lura minn Parigi u qallha li dan kien biss ghax ried jizzewwigha u ried ihobbha. L-intimat, qallha wkoll bil-problemi tal-visa fis-sens li jekk ma jizzewgux, kien ikollu jsiefer kull tlett xhur. L-intimat spjegalha wkoll li din il-problema tal-visa kienet wahda li kienet qed ikollha impatt fuq l-aspett finanzjarju wkoll u xtaq li l-flus li jiffranka minn din il-kwistjoni tal-visa juza l-flus li jkun gemma’ biex jaghmlu post flimkien. L-attrici tghid ukoll li minkejja dan kollu, l-intimat kien ikun dejjem bla flus tant li kien jispicca jitlobha l-flus.

L-attrici tghid li l-intimat deher li kellu intenzjonijiet tajba u ghalhekk kienet ferhana. Hi tghid ukoll li accettat il-proposta taz-zwieg tieghu wara li l-intimat spjegalha kif kien ser ikollu joqghod jitlaq minn Malta kull tlett xhur u wara li qallha li seta’ kien hem mil-possibilita’ li ma jergax

jirritorna ghax izommuh. Il-hsieb li l-intimat ma jergax lura wassalha biex tara kif taghmel u tirranga din is-sitwazzjoni. L-attrici zzid tghid li f'dan iz-zmien kienet verament konvinta li l-intimat ihobbha u li ried jippjana futur maghha tant li taha x'tifhem li ried li wara z-zwieg jixtru dar u jkollhom familja. L-intimat sahansitra wieghdha li kien ser jiehu hsieb lil bintha (wild minn relazzjoni ohra).

L-attrici tghid ukoll li originarjament, il-pjan kien li jizzewgu f'Ottubru 2002 izda hassret iz-zwieg ghaliex hasbet li dan kien pass mghaggel. L-intimat ma hax pjacir b'din id-decizjoni izda qal li accetta d-decizjoni. Fl-istess hin baqa' jinsisti fuq iz-zwieg u f'anqas minn xahar minn meta hassret, l-attrici regghet sabet ruhha f'sitwazzjoni fejn kienet ser tizzewweg f'Dicembru 2002. Tispjega li tant kien kollox pjanat minnu u tant kollox sar bl-ghaggla li lanqas dwar ix-xhieda taghha ma kienet lahqet hasbet. Ghamel kollox hu u kienet *brainwashed* minnu. Waslet il-gurnata li suppost kellhom jizzewgu izda missierha ma ridhiex tohrog mid-dar (ghalkemm kienet liebsa u lesta biex tmur tizzewweg) ghaliex kellu suspett li l-intimat seta' kien mizzewweg u fuq kollox ghaliex ma riedx li bintu tizzewweg lil xi hadd li ma setax jaghtiha futur. Dakinhar li kellu suppost isir iz-zwieg, spiccaw biex l-intimat u missierha tlewmu u l-attrici ma thallietx tohrog. Ovvjament iz-zwieg sfaxxa u l-intimat issuppervja.

Wara xi zmien, l-intimat rega' cempel lill-attrici u rega' beda jkellimha fuq iz-zwieg. Hu ssuggerixxa li tmur ghandu minn filghodu biex ma jkunux jafu biz-zwieg u kien qallha wkoll li lil missierha tghidlu wara. L-attrici tghid li ghamlet precizament dak li qallha biex taghmel l-intimat ghax hassitha *pressured.* Ghac-cerimonja kien hemm prezenti biss habiba taghha u habib tieghu bhala xhieda u hadd aktar. La ttiehdu ritratti u lanqas biss kellha libsa tal-gharusa. L-attrici tghid li huwa minnu li kienet thobb lill-intimat, izda fl-istess hin hassitha *pressured* minnu.

Wara t-tieg, il-partijiet marru jiehdu kafe' biex imbaghad marru l-Mellieha ghax l-intimat kellu jaghti xi flus lil xi hbieb tieghu u wara li kielu xi haga fil-post fejn kien jghix l-intimat, l-attrici marret lura d-dar ghand ommha biex

torqod, kif wara kollox baqghet taghmel wara ghax ghalkemm l-intimat kien iwieghda li kien ser isib appartament biex jikrih u jmorru jghixu fih, dan qatt ma wasal bil-konsegwenza li l-partijiet qatt ma ghexu flimkien. Hi tghid ukoll li issa li kienu zzewgu, l-intimat kien ikkuntenta ruhu tant li lanqas biss talabha biex tibqa' mieghu l-ewwel gurnata bhala mizzewgin. L-affarijiet mill-ewwel dehru hazin bejniethom izda ghalkemm l-attrici kienet tinkwieta, l-intimat ma kienx, anzi dejjem uriha li kien qisu m'hu qieghed jigri xejn. Hi zzid tghid li qatt ma ha hsiebha anke mil-lat finanzjarju. Qatt ma ddiskuta maghha l-futur jew fejn kienu ser imorru joqghodu izda apparti li kien jarma jirrabja, r-risposta li kien itiha kienet tkun dik li hemm bzonn li tiffirmalu ghall-*freedom of movement*. Fil-fatt, wara li l-kwistjoni tal-*freedom of movement* giet solvuta, l-intimat beda jaghmel l-arrangamenti biex imur is-Sirja.

L-attrici tispjega li l-intimat, ghalkemm qallha li kellu tifla, din kienet twieldet barra z-zwieg izda qatt ma taha dettalji dwar min hi ommha. Iddispjaciha mmens meta l-intimat prepara kollox biex imur is-Sirja filwaqt li lilha lanqas biss qatt qatta' gurnata shiha maghha jew marru ghal *honeymoon*. Minn btala ta' gimghatejn tlieta, spicca dam is-Sirja ghal xahrejn u f'dan iz-zmien ma kienx jaghmel kuntatt maghha. Meta mbaghad gie lura u staqsietu ghala ma kienx qallha l-verita' dwar id-dewmien tal-btala tieghu, hu qal li ma riedx jinkwetaha. Wara, l-intimat rega' mar is-Sirja ghal xahrejn skorruti ohra filwaqt li l-attrici baqghet hawn Malta tistennih u kien hemm xi safar iehor wara wkoll biex b'kollox l-intimat siefer erba' darbiet.

L-attrici tghid ukoll li l-intimat ma zamm ebda wieghda li ghamlilha, kemm dawk kbar kif ukoll zghar. L-attrici tghid ukoll li skopriet li l-intimat kien mizzewweg gewwa s-Sirja qabel ma zzewweg lilha, tant li ghandu proceduri ta' bigamija quddiem il-Qorti Kriminali izda l-intimat kien lahaq telaq b'dan illi l-istess attrici m'ghandha ebda idea ta' fejn qieghed ghaliex issostni li m'ghandha ebda kuntatt mieghu.

L-attrici taghlaq l-affidavit taghha billi tghid li jiddispjaciha li l-intimat qarraq biha ghaliex taha x'tifhem li kien ihobbha u li ried jizzewwigha meta fil-fatt ghamel kollox biex ma jkollux problemi mal-*immigration* u jkun jista' jibqa' Malta u jahdem hawn.

**Il-verzjoni tal-intimat**

Il-qorti hija sprovvista mill-verzjoni tal-intimat *stante* li huwa rapprezentat mill-kuraturi deputati li stqarrew li m'humiex edotti mill-fatti.

**Il-Mertu tal-Kaz odjern**

Il-partijiet jidher li zzewgu nhar is-7 ta' Frar 2003 kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg esebit a fol 3 tal-process.

Moira Tabone, habiba tal-attrici tghid li ilha taf lill-attrici ghal dawn l-ahhar 14 –il sena u jiltaqghu ta' spiss. Hi tispjega li meta Ae bdiet tohrog mal-intimat u staqsiha biex tizzewgu, bejn kienet kuntenta u bejn kienet qisha li ma kienitx lesta tiehu decizjoni. Qaltilha li dawn it-tip ta' decizjonijiet kellha tkun certa fuqhom u tirrakkonta wkoll kif hi u shab l-attrici kienu inkwetati fuqha peress li ma dehrilhomx li kienet taf lill-intimat bizzejjed. Ix-xhud tispjega li l-attrici kienet thoss li l-intimat ihobbha pero' fl-istess hin kien mghaggel biex jizzewweg u tghid li accettat ghax kienet thobbu u ma riditx titilfu.

Ix-xhud tikkonferma dak li tghid l-attrici fis-sens li hija baghet tghix mal-genituri taghha u ma marritx tghix mal-intimat wara z-zwieg. Tikkonferma wkoll il-fatt li l-intimat ma kienx ikollu flus f'idejh u tikkonferma s-safar lejn is-Sirja ghal xhur shah. Ix-xhud tghid li qatt ma dehru bhala koppja mizzewga ghaliex kienu jiggieldu hafna, kellhom karattri differenti u fuq kollox, l-attrici kienet disappuntata li l-intimat ma kienx zamm il-wieghdiet li kien ghamillha qabel iz-zwieg. Importanti ferm hija l-parti tax-xhieda taghha fejn tghid li l-intimat kien kellimha sabiex l-attrici tiffirmalu l-permessi necessarji izda hi qaltlu li din kienet kwistjoni ta' bejniethom u li ma kienet taf xejn. Hi

tikkonferma wkoll li l-attrici kienet skopriet li l-intimat kien mizzewweg is-Sirja.

Missier l-attrici mill-ewwel jghid li hekk kif skopra li bintu kienet qed tohrog ma’ barrani, hass li kellu jifthilha ghajnejha ghaliex kien jaf li kien hawn irgiel li jidhlu ghaz-zwieg ma’ nisa Maltin semplicement biex ikollhom id-dritt li jibqghu hawn Malta. Hu jghid li mal-ewwel laqgha li kellu mal-intimat, mill-ewwel ma kienx ghogbu ghaliex il-kelma mhabba ma kien semmiha fl-ebda moment tal-konversazzjoni taghhom izda l-intimat kien sahaq li jekk jizzewweg lil Ae, hajtu kienet ser tkun aktar facli u semplici ghax ma jkollux problemi mal-Pulizija u mal-*Immigration*. Missier l-attrici prova jistaqsi lill-intimat kif kien bi hsiebu jizzewwigha meta ma kien prepara xejn (lanqas dar fejn joqghodu) izda l-intimat kien ibiddel id-diskors jew jghid ‘u iva’ jew ma jirrispondi xejn. Wara din il-laqgha, missier l-attrici kien konvint li l-intimat ma kienx adattat ghal bintu tant li prova jikkonvinciha izda hi qaltlu li ghalkemm kienet ser tibqa’ tohrog mieghu ghax kienet thobbu kienet ser toqghod attenta. Missier l-attrici jikkonferma l-episodju relatat mal-ewwel tentattiv taz-zwieg li u jirrakkonta kif wicc l-intimat inbidel meta kkonfrontah fuq il-fatt li kien diga’ mizzewweg u kif dakinhar irnexxilu jikkonvinci lill-attrici biex tibqa’ d-dar. Izda sussegwentement u minn wara dahru kif ukoll minn wara dahar ommha, l-attrici izzewget lill-intimat. Missier l-attrici jikkonferma wkoll id-dettalji u l-episodji li sehhew wara z-zwieg u jikkonferma wkoll li l-intimat kien diga’ mizzewweg gewwa s-Sirja meta zzewweg lill-attrici.

Omm l-attrici, prattikament taghti l-istess storja li jaghti r-ragel taghha izda tiddiskrivi lil bintha bhala *gullible* fis-sens li kienet temmen dak kollu li jghidilha l-intimat tant li dan tal-ahhar kien jirrabja hafna meta kienet iddahhal lill-genituri taghha fin-nofs. Hi tikkonferma wkoll li fil-gurnata tal-ewwel tentattiv taz-zwieg, hi u zewgha kienu indunaw li l-intimat kien diga’mizzewweg ghaliex kif poggielu l-mistoqsija dwar iz-zwieg, l-intimat instamat u ma kienx jaf x’ser jaqbad jghid. Hi tirrakkonta wkoll episodju fejn wara li bintha skopriet li l-intimat kien mizzewweg, l-omm iffaccjatu u dak inhar nehhiet kull dubju. Tant hu hekk li

sussegwentement bintha ghamlet ukoll rapport mal-pulizija tant li tghid li bdew proceduri kontrih ta' bigamija.

Il-qorti tinnota wkoll li jirrizulta bl-aktar mod car li l-attrici ghalkemm kienet thobb lill-intimat, accettat li tizzewweg sforz l-insistenza tal-intimat stess. Li trid tara l-qorti hu hekk hemmx l-elementi necessarji sabiex jigi dikjarat null u bla effett iz-zwieg tal-partijiet abbazi tal-Artikolu 19(1)(a).

**Dwar l-Artikolu 19(1)(a) u cioe' li l-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bi vjolenza, sew fizika, sew morali jew biza'**

Illi dwar dan l-artikolu,  il-qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Calleja Marianna Vs Calleja Francis**[1] fejn inghatat spjegazzjoni ta' x'tip ta' biza' trid necessarjament tigi pruvata sabiex it-talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita abbazi ta' dan l-Artikolu tigi milqugha. Fi kliem l-Onorabbli Qorti, "***Biex pressjoni ndipendentement minn konsiderazzjonijiet ohra, tista` tinvalida l-kunsens matrimonjali, din il-pressjoni trid tammonta ghal vjolenza morali jew biza' esterna ta' natura irrezistibbli, cjoe` trid tkun pressjoni li ddeterminat kompletament l-ghoti ta' dak il-kunsens***" u zzid tghid li "***Sabiex vjolenza morali twassal ghal effett li tinvalida z-zwieg trid tkun (i) ingusta, (ii) gravi, u (iii) determinanti…Fl-ewwel lok il-biza' trid tkun gravi; fit-tieni lok, il-persuna li qed jesercitaha jrid ikun kapaci, presumevolment li jesegwixxi dak li jhedded li jaghmel; u fit-tielet lok il-biza' trid tkun motiv principali ghaliex il-persuna tasal li tizzewweg, biex tevita l-konsegwenzi tat-theddid***"**.**

Il-qorti tirrileva li minkejja li jirrizulta li l-intimat ghamel pressjoni kbira fuq l-attrici biex tidhol ghal dan iz-zwieg, dan ma jammontax ghall-estremi tal-Artikolu citat u ghall-vjolenza morali *ai termini* tal-istess gurisprudenza. It-theddida li jitlaq u ma jergax jirritorna lura ma tammontax ghall-vjolenza morali hawn fuq imsemmija. Ghalhekk il-qorti ma tistax tilqa' t-talba ghal dikjarazzjoni ta'

[1] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2002 mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili

annullament abbazi ta' dan l-Artikolu *stante* li l-estremi msemmija bl-ebda mod ma jikkonfiguraw fil-kaz odjern.

**Dwar l-Artikolu 19(1)(d) u cioe' li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif ukoll minhabba li l-intimat minhabba anomalija psikologika serja kien inkapaci illi jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga**

Il-qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Parties Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[2] fejn inghatat spjegazzjoni dettaljata ta' xi jfisser dan l-Artikolu u xi jrid jigi pruvat quddiem din l-Onorabbli Qorti sabiex it-talba attrici tigi akkolta. Fi kliem l-istess Onorabbli Qorti:

"***Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita` shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe` ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi…Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha il-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom***"***.***

Illi ssir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Borg Cachia Melanie Vs Borg Joseph**[3] "***Il-persuna li tat il-kunsens trid tkun qed issofri minn immaturita' affettiva jew semplici njoranza. B'dan l-artikolu, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, izda dan in-nuqqas tad-discretio judicii huwa kuncett***

[2] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[3] Deciza nhar id-29 ta' Mejju 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

***guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg…Il-gurisprudenza nostrana ssegwi din l-interpretazzjoni - ghalhekk id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga***".

In vista tal-gurisprudenza citata aktar 'il fuq u in vista tac-cirkustanzi li wasslu ghal dan iz-zwieg, il-qorti thoss li fil-mument propizju, l-attrici, minkejja li hassitha *pressured* biex tizzewweg, kellha l-maturita' bizzejjed biex tirrifletti fuq iz-zwieg, tant li kienet hi stess li hassret l-ewwel tentattiv taz-zwieg ghaliex hasset li kien kmieni wisq. Ma hemm ebda prova li permezz taghha jista' jigi rilevat li l-attrici kellha nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iz-zwieg, anzi ghall-kuntrarju jirrizulta li hija xorta wahda xtaqet li dan iz-zwieg jirnexxi. Ovvjament, minhabba s-simulazzjoni da parti tal-intimat, kif ser jigi diskuss aktar 'il quddiem, dan ma kienx possibbli.

**Dwar l-Arikolu 19(1)(f) u cioe' li l-kunsens tal-intimat inkiseb b'eskluzjoni pozittiva ta' wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, senjatament il-permanenza taz-zwieg**

Il-qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[4] fejn gie ritenut li "***rigward x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga u cjoe` dik ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Tant illi ghalhekk jekk xi wahda mill-partijiet ma jkollhiex il-kapacita' kollha biex***

[4] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

***tassumi dawn id-dmirijiet, iz-zwieg li jigi hekk kreat ma jistax ikun wiehed validu***".

Il-qorti tirrileva li sabiex tigi milqugha talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg f'dan il-kuntest, irid jigi necessarjament provat li xi wiehed mill-partijiet ghamel simulazzjoni totali jew parzjali tal-kunsens tieghu jew taghha. Jirrizulta bl-aktar mod car mill-provi prodotti li l-intimat dahal ghal dan iz-zwieg purament ghal ragunijiet ta' konvenjenza u xejn aktar, tant li l-partijiet lanqas biss qatt ghixu flimkien. F'dan il-kuntest il-qorti taghmel referenza ghall-kawzi fl-ismijiet **Josephine Grech vs Mahmoud Awwada sive Mahmoud Ali Ibida**[5] **u Miriam Ramdan Mabrouk xebba Psaila vs Lovay Ramadan Wahba Mabrouk**[6] fejn gie ritenut li:

"***Meta l-unika skop tal-kontraent ikun li jibqa' Malta biex jahdem u eventwalment jikseb ic-cittadinanza, hu jkun qieghed posittivament jeskludi z-zwieg innifsu, b'mod li jkun hemm simulazzjoni totali. Naturalment, f'dawn il-kazijiet wiehed m'ghandux jistenna li jsib prova diretta tas-simulazzjoni, fis-sens ta' xi dikjarazzjoni esplicita tal-intenzjoni ta' dak li jkun, pero' tali intenzjoni tista' tigi manifestata wkoll implicitament***".

Issir referenza wkoll ghall-kawzi fl-ismijiet **Mary Rose Abder Tahim vs Esam Abder Rahim**[7] u **Carmen El Shimi gia Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi**[8] fejn gie ritenut li:

"***Fiz-zwieg ta' konvenjenza illi l-iskop tieghu uniku tieghu huwa biss biex il-konvenut jakkwista ic-cittadinanza Maltija jew/ u d-dritt li joqghod u jirrisjedi hawn Malta, dak il-kunsens ikun simulate peress li eskluda posittivament iz-zwieg innifsu***"

[5] Deciza nhar l-10 ta' Ottubru 1995 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[6] Deciza nhar is-16 ta' Jannar 1998 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[7] Deciza nhar il-31 ta' Mejju 2000 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[8] Deciza nhar l-20 ta' Gunju 2002 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

Il-qorti tirrileva li f'dan l-istadju ssir referenza partikolari ghall-kawza fl-ismijiet **MM vs JM** deciza nhar id-9 ta' Marzu 1994[9] fejn gie dikjarat li huwa l-mument tal-kunsens li jiddetermina jekk iz-zwieg bejn il-partijiet huwiex legalment null u bla effett jew le. Mill-provi prodotti jidher car li fil-mument tal-kunsens tieghu, l-intimat ried biss li jakkwista d-dritt li jibqa' hawn Malta u xejn aktar.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara z-zwieg null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikolu 19(1)(f) tal-Att taz-Zwieg.

Bl-ispejjez kontra l-intimat b'dan illi l-ispejjez tal-kuraturi deputati in rapprezentanza tal-intimat assenti jithallsu provizorjament mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------

[9] Deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell